**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A43/10

20 ta’ Mejju 2010

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/43</u>**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir nhar **il-Ħamis 27 ta’ Mejju 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjoni – *Accountant* tal-Kunsill
5. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
6. Diskussjoni dwar l-*audit*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Sejħa għall-Offerti ta’ *Road Resurfacing*
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

23 ta' Ġunju 2010

Ref Nru.Klg5/043

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/43 li saret il-Ħamis 27 ta' Mejju 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-20 ta' Mejju 2010.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 27 ta'Mejju 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 2 – para 2.1.

Iċ-*Chairman* qal, li kien għadu ma kkordinax laqgħat mad-ditti *TcTc* u *M.I.C.S.* kif ukoll, mal-*MIDI plc,* iżda kien iltaqa' ma' l-Għaqda Mużikali Mount Carmel, t-Tlieta 4 ta' Mejju 2010 u kien ser jagħti rendikont tagħha aktar 'l quddiem waqt il-laqgħa.

### 2.2. Paġna Nru: 2 – para 2.2. – tħaffir ta' gandott fi Triq E. Girodano

Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, ġie deċiż unanimament mill-Kunsill li ċ-*Chairman* flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela jiltaqghu mas-Sur George Cardona, rappreżentant tal-Perit tal-Kunsill, biex flimkien jagħmlu *site inspection* fuq il-post.

### 2.3. Paġna Nru: 3 para 2.7. – *Green Mt*

Il-Kunsillier Anthony Abela xtaq ikun jaf x'azzjoni kienet ser tittieħed mill-Kunsill minħabba li r-riżulta, li d-ditta hawn fuq imsemmija, ma kelliex il-permess tal-M.E.P.A. biex topera u l-Kunsill kien għażel din id-ditta skont il-gwida tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li kollox jibqa' kif inhu għaliex il-Kunsill għandu relazzjoni kontrattwali u għalhekk, jimxi skont il-gwida tad-Dipartiment.

### 2.4. Paġna Nru: 3 para 2.9 – *U.I.F.*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kemm in-notifika neċessarja kif ukoll, d-dokument dwar il-bankini li kellu jħejji l-Perit fejn spjega, li riedet tinbidel il-*B.O.Q.* attwali għaliex ġiet ommessa l-kurduna u għalhekk kellha tiġi mħejjija *B.O.Q*. oħra, kienu ntbagħtu u din il-materja kienet ser tiġi diskussa waqt il-laqgħa tal-*U.I.F.* t-Tnejn 31 ta' Mejju 2010, u sat-Tlieta 1 ta' Ġunju 2010, għandha tingħata l-*update* mill-*M.E.P.A*.

### 2.5. Paġna Nru: 8 – para 3.4. – Għajnuna għat-taħwil ta' siġar

A bazi tad-deċizjoni mehuda fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill gie nfurmat li r-risposta tiegħu rigward is-suġġett sopracitat, kienet fin-negattiv, jigifieri li ma jħallasx l-ammont mitlub, minħabba l-fatt li wara li ġie verifikat irrizulta li s-siġar offruti ma kienux ser ikunu ta' l-istess razzez kif mitlub oriġinarjament mill-Kunsill.

**2.6. Paġna Nru: 8 para 3.4. – *WiFi Access Points***

Il-Kunsill ġie nfurmat, li r-risposta dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, kienet ntbagħtet u cioe' li l-Kunsill jżomm ma' l-ewwel deċiżjoni jiġifieri l-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, iżda jekk din ma tiġix milqugħa, l-alternattiva tkun Pjazza Meme' Scicluna.

**2.7. Paġna Nru: 9 para 3.6 – *Bad Boy Cleaners***

L-ittra dwar il-kanna ta' l-ilma lid-ditta hawn fuq imsemmija, kienet intbagħtet.

**2.8. Paġna Nru: 9 para 3.7. – *un/loading Bays***

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li kellu l-okkażjoni li jiltaqa' mas-*C.E.O.* tat-Transport Malta fejn dan ta' l-aħħar infurmah li ż-żewġ *un/loading bays* ta' fejn il-*London Butcher* fi Triq Ponsonby kif ukoll, dik ta' ħdejn il-*Gżira Service Store* fi Triq ir-Rebħa, ġew irtirati.

**2.9. Paġna Nru: 10 para 3.12. – *M-Quip***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li mill-kwotazzjoni li ġiet ppreżentata mid-ditta *M-Quip* fil-laqgħa preċedenti, l-ħaddiema tal-Kunsill kienu għamlu l-manutenzjoni neċessarja fuq l-i*spring see saw* (metal) u għaldaqstant, setgħet tingħata *direct order* għall-i*spring see saw (wood), option 'B'* - €442.50 u l-i*spring rider* - €612.01.

**2.10. Paġna Nru: 11 para 4.2. – *Tipping Fees***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li a bazi tal-komunikat li sar mas-Sur Silvio Frendo – Dipartiment Għalll-Gvern Lokali dwat is-suggett hawn fuq imsemmi, fejn dan ta' l-ahhar informa li t-*tipping fees* jiffurmaw parti mill-allokazzjoni finanzjara mogħtija lill-Kunsill kif ukoll għall-mistoqsija tiegħu dwar kemm kienet id-differenza bejn dak li ngħata l-Kunsill u dak li qed jintalab mid-ditta WasteServ, ir-risposta li ntbagħtet kienet, li minn Ottubru 2009 sa Marzu 2010, kien tħallas l-ammont ta' €21,809.61 filwaqt li skont l-*e-mail* datata 18 ta' Novembru 2009, il-Kunsill kien irċieva biss €11,723.00.

Dan kien ifisser li hemm diskrepanza ta' €10,086.61 meta skont l-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill kellu jirċievi €39,408.00.

**2.11. Paġna Nru: 12 para 7.1. *Summer Music Nights***

Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa' hemm kantanta nteressata biex tipparteċipa fis-*Summer Music Nights* mill-lokalita' oħra.

**2.12. Paġna Nru: 14 para 7.9.**

Ġie deċiż li s-Sindku u l-Viċi-Sindku għandhom jattendu għall-laqgħa mas-Sur David Borg, rappreżentant tas-*Savoy Gardens*.

**2.13.** Minħabba li kien wasal l-*Accountant*, iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-Agenda u jiġu diskussi *items* 4 u 6 ta' l-Agenda

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**4. Mozzjoni – *Accountant* tal-Kunsill**

**4.1.** Il-Kunsillier Ian Micallef laqa' t-talba formalment li tiġi posposta l-mozzjoni proposta minnu sakemm issir il-laqgħa ma' l-*Accountant* u l-Awdituri *Grant Thornton* fuq talba tal-Viċi-Sindku pero' xtaq ikun jaf kif il-Kunsill kien ser jipproċedi.

Iċ-*Chairman* qal, li a bazi ta' dak li ġara f'dawn l-aħħar ġranet, u li l-Kunsillieri kollha kellhom l-opportunita' li jsegwu, kien tal-fehma li s-Segretarju Eżekuttiv tagħti *overview* tas-sitwazzjoni, jwieġeb l-*accountant* Antoine Portelli u wara tinfetaħ id-diskussjoni għall-Kunsillieri.

**6. Diskussjoni dwar l-*Audit***

A bazi tal-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef, il-Kunsill qabel li l-proċedura addottata dwar kif ser tiġi trattata din il-materja għandha tkun, li l-ewwel titkellem is-Segretarju Eżekuttiv, jwiegeb l-*accountant* u wara ċ-*Chairman* jiftaħ id-diskussjoni għall-Kunsillieri, liema proċedura ġiet spjegata lill-*accountant* Antoine Portelli meta daħal għall-laqgħa fis-6.00 p.m.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li mill-korrisposndenza kollha dwar din il-materja, l-ewwel żewġ *e-mails* li tħoss li għandom jiġu trattati kienu, dik ta' l-*N.A.O* u l-awdituri *Grant Thornton* u talbet *update* lill-*accountant* dwar x'kien jonqos biex jiġu konklużi l-*accounts.*

L-*accountant* qal, li skont l-aħħar *e-mail* li bagħat, kien informa li l-*bank reconcilations* kienu lesti u sussegwentament, ried jgħaddi l-*adjusments* u kien għalhekk li rega' talab il-*files,* liema nformazzjoni kien ġabara l-Ġimgħa 21 ta' Mejju 2010. Apparti dan, kien fadallu biss, li jirrevedi Jannar 2010, liema nformazzjoni l-Kunsill kien għadu m'għadiex.

Is-Segretarju Eżekuttiv interrompiet u nfurmatu li fid-dokumentazzjoni kollha miġbura kien hemm id-data kollha mitluba nkluż Jannar 2010 kif ukoll, li d-*Debtor Statement* ta' l-*LES,* oriġinarjament mitluba mill-awdituri *Grant Thornton,* kienet intbagħtitlu b'*e-mail* ukoll.

L-*accountant* wieġeb, li hu kien għadu ma rax id-dokumenti minħabba l-fatt, li minn dak nhar li ġabar il-*files*, kien siefer u rritorna t-Tlieta 25 ta' Mejju

2010. Hu kompla jgħid, li ried ukoll li jiġi *updated* il-*Fixed Assets Registry* li s-sena preċedenti ma kienx ġie *updated* u l-*accounts* ikunu konkluzi.

In vista tal-fatt, li l-Kunsill kien qed izzomm lill-awdituri *Grant Thornton* aġġornati dwar din il-materja, s-Segretarju Eżekuttiv staqsietu x'azzjoni kien qed jieħu fir-rispett tat-talbiet mressqa minnhom fl-*e-mail* datata 28 t'April 2010, partikularment dwar s-*Sage Trial Balance*, d-diskrepanza msemmija ta' madwar €30,000 eċċ.

L-*accountant* wieġeb, li hu ried jiltaqa' ma' l-awdituri *Grant Thornton* sabiex jiddiskuti din l-*e-mail* minħabba li hu ma kienx jaqbel mad-diskrepanza msemmija.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet ukoll, biex jagħti t-*target date għas-sottomisjoni* ta' l-*accounts* u dan anke in vista tal-fatt, li kif kienet nfurmat aktar 'l fuq, riedet iżżomm aġġornati lil *Grant Thornton*, li minn naħa tagħhom nfurmawha li kienu ser iżommu kuntatt magħha biss, għalkemm hi kienet ta' l-impressjoni li kien qed isir kuntatt direttament bejnu u bejn *Grant Thornton*.

Intervjena l-Viċi-Sindku u informa li b'eżitu tal-fatt li hu pprova jsejjaħ laqgħa għat-Tlieta 25 ta' Mejju 2010, li għaliha l-*accountant* ma setax jattendi, kien għamel kuntatt telefoniku ma' Sna Margaret Bonello Cole, fejn personalment kienet infurmatu li f'dan l-istadju hi ma tidħolx fl-affarijiet interni tal-Kunsill, imma, li jinteressaha kien, li tiġi mgħoddija lilha d-dokumentazzjoni mitluba minnha fl-*e-mail* msemmija sabiex tkun tista' tikkonkludi l-*audit.* Hu kkonkluda billi qal, li Sna Margaret Bonello Cole infurmat, li hi ma titkellimx ma' *Council employees* iżda, mas-Segretarju Eżekuttiv biss.

L-*accountant* qal, li b'kull rispett lejn Sna Margaret Bonello Cole ma tistax tagħmel affermazzjoni bħalma għamlet dwar id-diskrepanza li hu ma kienx qed jifhimha jew ma kienx qed jaraha u kien qed jitlob li jkellimha biex tispjegahilu madanakollu hi rrispondiet fin-negattiv. Hu kompla jgħid li ma fehemx ir-raġuni l-għala kienet irrifjutata t-talba tiegħu minn *Grant Thorton* meta l-istess talba kien ghamilha lill-awditur preċedenti u dan kien aċċetta.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsietu, jekk meta jagħlaq l-*accounts* kif kien spjega aktar 'l fuq, din id-diskrepanza tiġix awtomatikament indirizzata.

L-*accountant* qal, li hu lanqas kien qed jifhem fejn qedgħa din id-diskrepanza u dan jista' jkun minħabba l-fatt, li jew kien hemm xi ħaġa li ma kienx qed jaraha hu jew hi (jiġifieri Sna Margaret Bonello Cole) ma kinitx qed tifhem ix-xogħol li ġie ppreżentat minnu. Hu kompla jgħid, li ma setax jifhem ir-raġuni l-għala l-*Grant Thornton*, ma riedux jiltaqgħu miegħu, għall-liema talba, hu kien diga' tkellem magħha iżda wiġbitu fin-negattiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li *Grant Thornton* kienu taħt l-impressjoni li kienu ser jiltaqgħu miegħu, meta hu kien ġab il-*files* lill-awditur appuntat mill-aġenzija, għall-liema fatt, l-*accountant* wieġeb li l-ftehim ma kienx hekk.

Hi żiedet tgħid, li f'dan l-istadju l-prijorita' kienet, li jiġu konklużi l-*accounts*, t-*target date* sa meta ser jiġu sottomessi kif ukoll, li l-*Financial Statements* iridu jkunu preżentati skont il-*Local Councils Procedures* kif mitlub mill-*N.A.O.* fl-*e-mail* tagħhom datata 8 ta' Marzu 2010.

Il-Viċi-Sindku staqsa, jekk il-Kunsill kellux kopja ta' l-*e-mail* tal-*Grant Thornton* għaliex hu mportanti li kull ma talbu jingħatalhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat u qrat *e-mail* datata 28 t'April 2010, mibgħuta minn *Grant Thornton* għall-liema *e-mail*, l-*accountant* wieġeb li kellu kopja.

L-*accountant* reġa' tenna, li hu ma fehemx id-diskrepanza kif ukoll nforma, li s-*submission date* ta' l-*accounts* kienet ser tkun it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2010.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li għalkemm tinstema' kerha, imma tħoss li hu fl-obbligu tagħha li terġa' tiġbed l-attenzjoni għall-fatt, li aktar ma jiġu ppreżentati kmieni l-*accounts* aktar ikun aħjar u dan biex jigi evitat *late penalty submission*, skont *memo 78/2009*.

Intervjena l-Kunsillier Ian Micallef u qal, li bħala Kunsill Lokali ma jħossx li hu x'awtorita' li jibdel id-dati u sa mill-ewwel *e-mail* li kien irċieva minn għand il-Viċi-Sindku, kien iċċekkja l-*updates* li saru fil-liġi fejn irriżulta dak elenkat mill-Vici-Sindku, jiġifieri, li l-Kunsill kien qabeż kull data stipulata.

Hu kompla jgħid, kif sa mill-bidu tiegħu, l-Kunsill kien dejjem skrupluż mad-dati u dan għaliex il-Kunsill dejjem kellu l-biża li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jieħu passi fil-konfront tiegħu. Dan apparti l-fatt, li din is-sitwazzjoni tidher kerha fuq il-Kunsill meta tinħareġ il-lista tal-Kunsilli li jkunu għadhom ma ssottomettewx l-*accounts,* b'konsegwena ta' liema jiġi mnizzel li l-Kunsill tal-Gżira, qisu għandu xi ħaġa ħażina li ried jaħbi. Hu kompla jgħid, li din lilu kien qed iddejqu u kien għalhekk li għamel pressjoni kbira biex din il-materja tiġi konkluża. Hu qal ukoll, li din is-sitwazzjoni ma kinitx aċċettablli għaliex mhux biss kien qed jidher ikraħ il-Kunsill Lokali iżda ukoll, bħala Kunsillier, li jekk wieħed jara l-liġi sewwa jinduna, li n-nuqqas fejn jidħlu finanzi, ma jittrattax biss multi iżda, anke xoljiment ta' Kunsill.

Il-Viċi-Sindku spejga r-raġuni l-għala hu kien iddeċieda li jikteb l-*e-mail* minħabba l-fatt, li dan ma jirriflettix biss fuq l-*accounts* iżda kellu konsegwenzi oħra fuq ix-xogħol relatat ma' l-*accounts* bħal *Public Private Partnership Scheme.* Hu kompla jgħid, li qabel ma l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu għal din l-iskema, xtaq jara x'effett ser ikollha fuq il-*budget* sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa l-pjanijiet tiegħu u x'effett

finanzjarju ser ikollhom. Din l-esiġenza hi dovuta għall-fatt, li kull ma jirċievi l-Kunsill hu b'*deadlines* u jekk ma jiġux rispettati, jintilfu l-fondi.

L-*accountant* qal, li jekk huma għandhom responsabbilita' ta' Kunsilliera, anke hu għandu responsabbilita' professjonali bħala *accountant* pero' ma kienx jaqbel mal-Kunsillier Ian Micallef li din kienet l-ewwel darba iżda kienet it-tieni darba għaliex fis-sena preċedenti dawn ukoll ġew sottomessi tard, sitwazzjoni li hu żgur ma kienx responsabbli għaliha. Dan għaliex, meta kien ġie ngaġġat, l-*financial statements* kienu għadhom ma ġewx sottomessi.

A bazi ta' l-insistenza ta' l-*accountant*, li għall-korretezza din ma kienitx l-ewwel darba, l-Kunsillier Ian Micallef ikkjarifika li din kienet l-ewwel darba li kienet qed tiġri *in a financial year* u s-sena preċedenti kienet il-bidla ta' *financial year*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat, li fir-rispett tas-sena preċedenti, d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ġie nfurmat bis-sitwazzjoni li l-Kunsill kien mingħajr *accountant*, madanakollu l-istess Dipartiment xorta waħda ippenalizza lill-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li fl-ewwel opportunita' li l-Kunsill kellu, ġie appuntat *accountant* u ntalab iħejji l-*financial statements* minħabba l-fatt, li s-*Sage Trial Balance* sal-31 Marzu 2009 kienet lesta, liema talba hu aċċettaha.

L-*accountant* qal, li meta ġie appuntat, hu kien tal-fehma li ser jibda jaħdem fuq il-perjodu April sa Marzu 2010 iżda l-ewwel ma beda kien il-*Financial Statements* sa Marzu 2009, nbiddel il-perjodu ta' l-*accounts* u ġie April sa Diċembru 2009, b'*deadline* li dawn riedu jitlestew sad-9 ta' Frar 2010, bl-liema deċiżjoni hu ġie nfurmat f'Novembru/Diċembru 2009. Hu kompla jgħid, li kien importanti li jiġu spjegati dawn il-fatturi għaliex hu *part-timer* u ma jiddedikax ħinu għall-Kunsill Lokali. Madanakollu, sat-3 ta' Marzu 2010, kien ppreżenta *Draft Financial Statements* u kien informa li kien fadal xogħol xi jsir għall-awdituri.

F'dan l-istadju, qal, li xtaq jitkellem fuq affarijiet oħra u għamel referenza għall-*e-mails* fuq *e-mails* mibgħuta rigward il-kont tiegħu li qatt ħadt ma qallu xejn li għandu problema dwarhom u dan il-fattur beda jdejqu. Hu kompla jgħid li għaddew ħames ġimgħat minn meta rċieva risposta u hu nterpreta bħala nuqqas ta' rispett fil-konfront tiegħu u f'dan l-istadju staqsa x'kienet il-problema għaliex il-kont tiegħu kien għadu pendenti, meta dan ntbagħat fit-13 ta' Marzu 2010, għall-liema kont, il-Kunsill għar-raġunijiet tiegħu, talab li jigu riveduti. Hu għamel referenza għas-Segretarju Eżekuttiv fejn qal, li l-ammont kien baqa' l-istess u ħa fastidju b'din is-sitwazzjoni u staqsa ukoll għaliex kien hemm dan l-antagoniżmu fil-konfront tiegħu. Għamel referenza wkoll, għall-*e-mails* li kellu mal-Kunsillier Ian Micallef, fejn rrimarka li hu qatt ma kien arroganti u lanqas *insubordinate* u talbu jsiblu *e–mail* fejn kien arroganti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegata, li d-dewmien kien dovut primarjament għall-fatt, li l-laqgħa ta' l-aħħar ta' Marzu 2010, ġiet posposta għas-6 t'April 2010 u sussegwentament tal-laqgħa u d-deċiżjonijiet li jittieħdu, jkunu jridu jsiru sensiela t'affarijiet. Ovvjament, bħal kull pagament ieħor li l-Kunsill irċieva matul ix-xahar ta' Marzu 2010, kellu jistenna sat-tieni ġimgħa t'April 2010, biex jersaq għall-approvazzjoni u l-ewwel reazzjoni tiegħu meta hi nfurmata kienet, li hu ma kellux għalfejn jerġa' jagħmilhom għax l-ammont kien ser jibqa' l-istess, fattur li l-Kunsill kien jafu.

Hu qal, li ma weġibx hekk għall-liema kumment, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hemm l-*e-mails* li jikkonfermaw dan.

Għall-*e-mail* tiegħu fejn hu kien talaba li jitħallas sa l-aħħar t'April 2010, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li sad-data stabilita' minnu stess hu kien għadu ma bagħatx dak minnu mitlub, jigifieri, r-*revised invoices* u kien għalhekk li l-pagament ma sarx.

L-*accountant* rrimarka għar-risposta tas-Segretarju Eżekuttiv fuq l-*e-mail* tiegħu tat-23 t'April 2010, li minn naħa tagħha wieġbet li għall-mod ta' kif hu kiteb l-*e-mail,* hi hekk interpretaha. Hi kompliet tgħid, li fl-istess gurnata li rceviet ir-*revised invoices,* jigifieri fis-7 ta' Mejju 2010, għaddiethom għall-attenzjoni tas-Sindku, madanakollu sa ma kienu waslu hi diġa' kellha l-ewwel talba verbali minn persuna fil-Kunsill biex dawn il-pagamenti jinżammu, liema talba, s-Sindku ukoll kien nfurmat biha. It-*timeframe* juri li l-*accountant* ma setax jippretendi li jirċievi l-pagament sa' l-aħħar t'April 2010, meta hu baghtuhom fis-7 ta' Mejju 2010.

Hu reġa' qal, li hu kien talab indikazzjoni ta' ħlas jew fejn kienet il-problema.

Is-Segretarju Eżekuttiv wiegbet li r-ragunijiet kienet għadha kif qalithom u cioe' li fil-bidu l-problema kienet li dawn intalbu li jintbaghtu r-*revised* imma sa meta hu bagħthom kellha talba biex jinżammu l-pagamenti. Hi kompliet tgħid li l-istess proċedura li ntużgħat miegħu, tintuża ma' kulħadd kif ukoll, preżenti għall-laqgħa tal-Kunsill kien hemm il-persuna li toħroġ il-pagamenti u setgħet tikkonferma li fl-istess frattemp li kienu qed joħorġu l-pagamenti sar kuntatt miegħu biex jirrevedihom u għalhekk kuntrarju għal waħda mill-akkuzi ta' l-*accountant* ma kien hemm ebda bsaten fir-roti.

L-*accountant* qal, li l-prijoritajiet tal-Kunsill mhux ser ibiddilhom hu jew ser jinbidlu minħabba fih għaliex ċert li fil-Kunsill kien hemm ferm iżjed xogħol xi jsir kif il-Kunsill ma kienx il-prijorita' għalih.

Intant matul din id-diskussjoni, s-Segretarju Eżekuttiv rrimarkat li l-punt ma kienx li l-*accountant* ma ngħatax prijorita' kif ukoll għall-intervent tiegħu li s-Segretarju Eżekuttiv setgħet nfurmatu li din il-materja tressqet waqt il-laqgħa tal-Kunsill, hi wieġbet li r-risposta tagħha kienet tindika dan għaliex altrementi ma setgħetx tissottometti dik ir-risposta. Fi-rispett tar-*revised invoices* hi tablet lis-Sindku jikkonferma li meta rċeviethom kienet tkellmet

miegħu dwar kif kienet ser taġġixxi in vista tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jsir il-pagament versus it-talba verbali li jinżamm il-pagament kif ukoll talbitu jindirizza din is-sitwazzjoni. Is-Sindku kkonferma.

Hi kompliet tgħid, li sakemm is-Sindku kien qed jindirizza din is-sitwazzjoni, hi xorta waħda ħejjiet il-pagamenti taż-żewġ ċekkijiet bl-ammonti riveduti, liema pagamenti setgħet tipprezenthom dak il-ħin stess waqt il-laqgħa.

Intervjena l-Kunsillier Ian Micallef u qal liċ-*Chairman* li aktar milli diskussjoni bejn tnejn, il-Kunsill għandu jara x'kienet il-problema, li tmur lura għal dak li ġibed l-attenzjoni għaliha l-*N.A.O.* fit-8 ta' Marzu 2010 u l-importanti kien li l-Kunsill jitkellem dwar miżuri korrettivi biex jigu sottometti l-*accounts* tiegħu kif suppost. Hu kompla jgħid li filwaqt li hu kien determinat li jsir il-ħlas kollu, pero' din kienet *side-issue* li kien lest jiddiskutiha fi stadju aktar 'il quddiem madanakollu l-ħlas għandu jkun għal xogħol li hu konformi ma' dak li trid l-*N.A.O.* u f'dak l-istadju l-indirizz tal-Kunsill għandu jkun meta ser isir is-sottomissjoni għaliex jekk il-Kunsill qed jgħid li d-data ser tkun it-8 ta' Ġunju 2010, kien qed jissemma tlett xhur wara, li fl-opinjoni tiegħu kien *disgrace*.

Anke ċ-*Chairman* irrimarka li d-diskussjoni daret biss fuq il-pagament u qabel mal-Kunsillier Ian Micallef li xtaq ikun jaf ir-raġuni l-għala l-Kunsill wasal f'dan l-istadju. Hu qal li kien qed jirċievi diversi *e-mails* u kien qed jitkellem kemm mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll, ma' l-*accountant* fejn kienu qed isiru diskorsi teknici li sa dak il-ħin fil-laqgħa kienu għadhom ma ssemmewx u bħala bniedem mhux tekniku f'din il-materja, hu ma kienx qed jifhem. Kieku kien is-suġġett tiegħu, kien jista' jindika' jekk kienx hemm xi żball iżda, fuq *batch postings*, *software* ta' l-*accounts*, *accruals* eċċ ma setax jikkumenta. Bħala Sindku, hu kien ikkonċernat daqs jekk mhux izjed mill-Kunsillier Ian Micallef madanakollu, ma kienx f'pożizzjoni serena li jiddentifika x'qed jiġri. Hu kompla jgħid, li hu ħadem mas-Segretarju Eżekuttiv u jaf li meta taħdem, hi puntiljuża ħafna iżda, in vista tal-fatt li mhux tekniku fil-materja, ipprova jlaqqa' lis-Segretarju Eżekuttiv u l-*accountant* biex tiġi ndirizzata din is-sitwazzjoni. Madanakollu, din il-laqgħa ma saritx minħabba li l-*accountant* kellu jakkumpanja lit-tifla għand it-tabib, fattur li bħalma jaf kulħadd, inkluż l-*accountant,* irrabjah ħafna, għaliex hu wkoll ġie wara l-ħin tax-xogħol. Hu spjega kif l-għada tal-laqgħa tkellem ma' l-*accountant* u dan tah ir-raġuni l-għala m'attendiex, raġuni li ma setgħax jikkontestaha. Hu kompla jgħid, li kien iddispjaċċieh li żamm lis-Segretarju Eżekuttiv tard il-Kunsill fil-pożizzjoni tagħha u minn dak inhar infetħet il-kaxxa ta' *Pandora* li kullħadd kien segwa iżda, hu baqa' bl-istess fehma li ma kienx f'pożizzjoni li jiddeċiedi. Hu li jrid jara kien, kif ser jintagħalaq dan l-*audit* u fuq il-parir tal-Viċi-Sindku ntalbet li ssir laqgħa fil-preżenza tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-*N.A.O.* biex tiġi determinata ta' min hi r-responsabbilta' u fl-ebda mument ma ddefenda lil ħadd. Hu kompla jgħid li kien qed jagħmilha ċara li hu mhux f'pożizzjoni li jiddeċiedi u kien qed jieħu pjaċir li wara dan iż-żmien kollu kienet qed issir diskussjoni kostruttiva. Hu ried jagħlaq, bħalma hu kien tal-fehma li hi x-xewqa ta' kulħadd. F'dan l-istadju, talab ir-reazzjoni tal-Kunsillieri.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu xtaq jislet punt dwar l-għala l-pagamenti ma setgħux jiġu aċċettati kif ukoll, hu personalment kien qed jippretendi li sa dik il-laqgħa, l-*accountant* kien ser iġib id-dokumenti kollha preparati. Punt iehor li xtaq iressaq kien dwar ċertu rimarki miktuba mill-*accountant* fl-*emails* tieghu u għamel referenza għall-kumment miktub f'uhud mill-*e-mails* mibghuta mill-*accountant* '*for reasons which are known only to you (and/or maybe other Councillors), so for everybody's sake do not try to entangle me in your own 'Council' and 'political' agendas.'.*

Kemm il-Kunsillier Anthony Abela kif ukoll, il-Kunsillier Ian Micallef, xtaqu kjarifika dwar dan.

B'kontinwazzjoni mal-punt msemmi mill-Viċi-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv qalet li ilha għaxar snin taħdem fil-Kunsill u ħadmet ma' diversi Sindki minn kull partit politiku. Hi spjegat li sa fejn taf hi, *hidden agendas* qatt ma kien hemm u kulħadd għandu l-politika tiegħu iżda, wara tlett snin u nofs, li kienu għaddew minn din il-legislatura, l-Kunsill preżenti setgħa jgħid li hi fejn jidħol il-punt tal-Kunsill, dejjem iġġieldet għalih mingħajr distinzjoni. Hi kompliet tgħid, li din kienet akkuża serjissima fil-konfront tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv u jekk kien hemm xi tip ta' spjegazzjoni tajjeb li tingħata pero' jekk dan kien biss kumment relatat mal-pagamenti, fl-opinjoni tagħha, kien *far fetched* għaliex temmen li l-ispjegazzjonijiet kienet qed tagħtihom u tenniet, li meta kien hemm ċertu talbiet verbali ma ħassitx li kellha tgħaddihom lill-*accountant*. Saħansittra l-anqas il-Kunsillieri l-oħra ma kienu jafu b'din it-talba kif ukoll, żiedet tgħid, li l-ewwel darba li l-Viċi-Sindku xtaq jibgħat *e-mail* lill-kunsilleri kollha dwar din is-sitwazzjoniji, hi ntervjeniet u talbitu li qabel ma jinforma lil kulħadd, kellu jinforma lis-Sindku. Ġabet fattur ieħor għall-attenzjoni tal-Kunsill li jekk kien hemm persuna fil-Kunsill li kienet qed tinqabeż din kienet hi, għaliex kull korrispondenza partikularment dik relatata mal-finanzi kellha tintbagħat għall-attenzjoni tagħha u mhux lill-impjegati tal-Kunsill. Hi sostniet dan il-fatt kienet nfurmat bih kemm lis-Sindku u talbet l-intervent tiegħu kif ukoll waqt il-laqgħa tal-Kunsill bl-għan li tinstab soluzzjoni u jiġu konklużi l-*accounts*.

Iċ-*Chairman* qal, li hu pprova jagħmel dan, imma ġie akkużat li qed jiddefendi, akkuża li s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma kienitx hi li għamlitielu għalkemm kienet irrispondiet l-*e-mail* tiegħu li tesprimi diverġenza t'opinjoni.

Iċ-*Chairman* ikkonferma dan.

Il-Kunsillier Anthony Abela xtaq iressaq mistoqsija lilll-*accountant* dwar il-fatt, li fil-bidu hu kien qal, li kellu problema ma' l-awditur ta' qabel is-Sur Joe Scerri u xtaq ikun jaf jekk din il-problema kinitx ġiet riżolta.

L-*accountant* qal, li f'dak il-każ kien talab laqgħa li saret fejn ġew iċċarati l-punti u hu li ried kien, laqgħa simili ma' *Grant Thornton*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li Ms Bonello Cole qabel ma beda' l-*audit* jiġifieri fit-18 ta' Marzu 2010, talbet il-*mobile number* tiegħu, qalet li kienet tafu u f'waħda mill-*e-mails* li l-Kunsill kien irċieva kien nfurmat li Ms Bonello Cole kienet f'kuntatt ma' l-*accountant*.

L-*accountant* qal, li Ms Bonello Cole kienet għamlet kuntatt miegħu darba fejn infurmatu li hi tiltaqa' biss mal-klijenti.

Il-Kunsillier Anthony Abela staqsa jekk fl-eventwalita' li din il-laqgħa ssir, il-problema tiġix riżolta.

Filwaqt li l-*accountant* wieġeb fl-affirmattiv, iċ-*Chairman* qal, li problema kienet li *Grant Thornton* ma jridux jiltaqgħu ma' l-*accountant*.

Għall-mistoqsija tas-Segretarju Eżekuttiv jekk hu jistax iwieġeb l-*e-mail* ta' *Grant Thornton* u jitlob kjarifiki dwar il-punti mressqa, l-*accountant* wieġeb li hu kien qed jissuġġerixxi li jilħaq id-data 8 ta' Ġunju 2010, jibgħatilhom il-*Financial Statements* kif iridu huma biex jiġi vverifikat jekk jibqgħux jaraw id-diskrepanza.

Il-Kunsillier Victor Rutter staqsa dwar is-*software* ta' l-*accounts* u jekk din l-*issue* ġietx solvuta.

L-*accountant* qal, li mkien m'hemm li trid tuża s-*Sage Pastel* bilfors, u hu kien taħt l-impressjoni mill-Kunsill li trid tuża s-*Sage Pastel* iżda mhux minnu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kienet staqsiet lill-*Grant Thornton* min mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta l-informazzjoni u ħadt ma weġibha. Il-fatt li l-Kunsilli Lokali qalbu għas-*Sage Pastel* (2005) ma kienx kapriċċ mill-ebda Kunsill Lokali iżda, kienet biss direttiva mid-Dipartiment hawn fuq imsemmi.

L-*accountant* qal, li ma kienitx direttiva u hu kien iċċekkja mal-M.I.T.T.S.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li d-direttiva waslet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mhux mill-*M.I.T.T.S.*, is-*software* ma kienx tal-*M.I.T.T.S.* iżda ta' l-*I.T.S.* kif ukoll, li meta saret il-*migration* minn *software* għall-ieħor lanqas saret mill-Kunsilli individwalment iżda ħa r-responsabbilita' tagħha, l-istess Dipartiment.

Il-Kunsillier Ian Micallef kkonferma li din kienet direttiva ġejja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

L-*accountant* qal, li *Grant Thornton* infurmawh li jista' juża s-*Sage Line 50.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li anke hi staqsiet lil *Grant Thornton* min kien infurmahom mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ma wieġbux. Hi kompliet tgħid li hu fatt rikonoxxibbli li l-*expression of interest* kienet tispeċifika li s-*software* li ried jintuża' kien is-*Sage Pastel*, il-Kunsill xtara is-*Sage Pastel*

bl-*updates* kollha neċessarji li ġew installati fuq il-*laptop* ta' l-istess *accountant*, s-sistema tal-Kunsill hi fuq *Sage Pastel* u l-*back ups* jridu jsiru kollha fuq *Sage Pastel* u l-inqas ħaġa li kienet tistenna kienet, li bħala Segretarju Eżekuttiv ma kelliex tkun infurmata minn *Grant Thornton* iżda, kellu jkun hu li jsaqsi għall-permess. Hi kompliet tgħid li l-bidla fis-*software* kellha tkun biss deċiżjoni tal-Kunsill għaliex kien l-istess Kunsill waqt laqgħa li ddiskuta u approva r-rekwiżti għas-servizz t'*accountant*.

L-*accountant* qal, li kellha raġun is-Segretarju Eżekuttiv tgħid li ma ġietx infurmata iżda, fiż-żmien limitat ma setax jaħdem bis-*Sage Pastel* għaliex is-sistema hi *highly user unfriendly* u għalhekk, ma kellux alternattiva oħra ħlief li biex jissottometti l-*accounts* bl-aktar mod effiċjenti fiż-żmien stipulat u wara li ċċekja li s-*Sage Line 50* kien aċċettabbli bħala *accounting software*, iddeċieda li juża' lilu.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li anke f'dan ir-rigward kien hemm problema għaliex, b'referenza għall-*e-mail* ta' Ms Bonello Cole tat-28 t'April 2010, u qara t-tielet paragrafu, kienet qed timplika b'mod ċar li anke l-*format* m'huwiex *Sage*.

L-*accountant* qal, li l-*e-mail* ma kienitx tfisser bħalma kien qed jgħid il-Kunsillier Ian Micallef u kien qed jifhem ħażin, għall-liema kumment il-Kunsillier Ian Micallef qal, li tant kienet tfisser hekk u reġa' qara l-aħħar sentenza ta' l-istess *e-mail* fejn *Grant Thornton* kienet qed titlob li tirċievi s-*Sage Trial Balance* u għalhekk kien ifisser li kienu qed jistennew dak mitlub.

L-*accountant* qal, li lill-awditur Abigial Bartolo kien tagħha *Sage Trial Balance* pero' l-problema kienet, li l-*account numbers* li riedu huma kienu l-*account numbers* li l-Kunsill juża' għall-voti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kien ifisser li talbuh iżomm ma' *Chart of Accounts*.

L-*accountant* kompla jgħid, li hu kien rega' bagħatilhom *Trial Balance* oħra bin-numri tal-voti, għall-liema fatt, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li *Grant Thornton* kienu nfurmawha li anke fuq din ir-*revised trial balance* kellhom problema fuqha minħabba xi voti nieqsa.

Intant għall-kumment tas-Segretarju Ezekuttiv li l-bdil fl-*accounting software* kien ser joħloq problema ta' kontinwita' għaliex ma segħax isir *back-up* fuq is-sistema tal-Kunsill, fattur li kien qed jippreokkupa ukoll lill-*Grant Thornton* bħala kumpanija responsabbli għas-sena d-dieħla, l-*accountant* wieġeb li din ma kinitx problema għaliex meta l-*accounts* ikunu lesti, iddaħħalhom bħala *trial balance*, joħloq kumpanija, jsir *journal entry* u b'hekk ikun hemm kontinwazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li jekk kienet daqshekk sempliċi ma kienitx problema li jagħmilha hu pero' meta saret id-*data migration* mis-*Sage Line*

*50* għasl-*Sage Pas*tel fl-2005, ma kienitx daqshekk *straight forward* bħalma kien qed jispjega l-*accountant*.

L-*accountant* qal, li għalih kienet sempliċi madanakollu, ma kienx qed jirreferi għall-*back up* iżda, li jdaħħal l-entrati jiġifieri, tqabbel il-*Financial Statements*, l-*opening balances* ta' l-2009 u tgħaddihom *by a journal entry* biex ikollok kontinwazzjoni u b'hekk ikollok *opening balances long term* fuq il-*Pastel*.

Is-Segretarju Eżekuttiv tenniet, li jeħtieġ li jkun hemm *back-up* fuq is-sitema tal-Kunsill kif ukoll jekk l-*accountant* kien qed isib problema fuq *software*, seta' għamel bħalma kien sar fil-bidu u talab l-għajnuna tal-Kunsill li dejjem kien disponnibbli biex jgħinu, anke jekk il-problema kienet relata mas-*software.*

L-*accountant* qal, li kien minnu li l-Kunsill dejjem għenu imma, meta sar jaf li ried jagħlaq sa Frar 2010, ried isib sistema biex jgħaġġel.

Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-problema tiegħu li kien infurmat fit-30 ta' Novembru 2009, kienet il-problema ta' kull Kunsill Lokali għaliex il-*memo* kienet waslet dak in-nhar stess li hu ġie nfurmat biha, l-*accountant* qal, li hawn Kunsilli Lokali li għandhom kumpaniji ta' l-*accounts* li jieħdu ħsieb il-kotba tagħhom u jiddedikaw persuna *full time* u hawn min qed jaħdem *part-time* kif kien jaħdem Mario ta' qablu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li bir-rispett dovut, ma tistax tqabbel l-ex *accountant* Mario Magro Conti mas-sitwazzjoni preżenti pero' dan ta' l-aħħar, ukoll kellu problema meta nbiddlet is-sitema għas-*Sage Pastel* imma kienet ġiet indirizzata. Dan apparti l-fatt li kif qalet aktar qabel id-decizjoni ta' l-*accountant* tmur kontra l-*expression of interest*.

Intervjena l-Kunsillier Ian Micallef u qal, li ma kienx hemm għalfejn jkomplu jduru fejn kienet il-problema, izda jżommu mad-deċizjoni li tittieħdet qabel ma nbdiet id-diskussjoni għaliex, il-kapitlu kollu kellu jerga' jinfetah aktar 'il quddiem kif ukoll lanqas kellu aptit jwieġeb lill-*accountant* fejn qallu li hu, jigifieri l-Kunsillier Ian Micallef, kien arroganti, izda kien qed jirriserva d-dritt li jitkellem darba oħra. Huwa kompla jgħid, li hu soluzzjonijiet ried u dan kif kien qal l-kollega tiegħu aktar qabel meta ndirizza lil ċertu Kunsillieri.

Għall-kumment ta' l-*accountant* li kien ikun aħjar li kieku l-Kunsillier Ian Micallef kien jara x'kiteb, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li r-referenza li kien qed jagħmel għaliha kienet propju għat-tip t'atteġġjament li kien għadu kemm uża l-*accountant*.

Rega' ntervjena l-*accountant* u għamel referenza għal dak li kien għadu kemm semma s-Sindku, li l-Kunsillier Ian Micallef akkuża jew xi ħadd

akkużah, li bhala Sindku kien qed jieħu s-*sides* u hu ma setax jifhem din x'kienet.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li dik jaraha s-Sindku miegħu u mhux hu, żied jgħid, li kien jaf li xi ħadd kien infurma lill-*accountant* x'kien kiteb hu għaliex kwarta wara li hu kien bagħat l-ewwel *e-mail*, rcieva telefonata, imma f'dak l-istadju kien ser jiefaq hemm.

L-*accountant* wieġbu li hu setgħa jgħidlu min ċempillu u kien jaf wkoll eżatt x'wieġeb il-Kunsillier Ian Micallef 'l din il-persuna, għaliex wara li ċempillu reġa' ċempel lill-*accountant* biex jinfurmah u tweġibha mogħtija mill-Kunsillier Ian Micallef kienet ta' diskors baxx u arroganti.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li ma kienx veru u qallu biex joqgħod attent x'kien qed jgħid.

L-*accountant* qal, li hu kien qed jgħid kif infurmawh u l-mod kif il-Kunsillier Ian Micallef indirizza kien arroganti.

Il-Kunsillier Ian Micallef gibed l-attenzjoni għall-fatt, li hu kien kiteb internament fil-Kunsill u ċempillu xi ħadd mhux mill-Kunsill biex jgħidlu jaqtagħha jiġifieri, xi ħadd kien ħareġ l-informazzjoni. Hu qal li x'irrisponda jaf u li l-lealta' tiegħu kienet lejn il-liġi tal-Kunsilli Lokali u lejn xejn aktar u jekk kien hemm xi ħadd li naqas, lilu ħadd ma kien ser ippoġieh f'pożizzjoni li jkun parteċipi fi ksur tal-liġi. Hu kompla jgħid kif il-liġi tgħid ċar u tond sa meta riedu jiġu sottomessi l-*accounts* u d-diskussjoni dwar min kien responsabbli, hu min hu, jisservha għaliex hemm ukoll jkollu ħtija jekk jaċċetta u hu ma kienx ser jaċċetta li xi ħadd jpoġġi ħtija fuq rasu meta hu ma kellux x'jaqsam.

Hu għamel referenza ukoll għal dak li l-*accountant* kiteb fil-konfront tas-Segretarju Ezekuttiv u qal li ma kellu bl-ebda mod jindirizzaha hekk '*I still cannot understand your hostility towards me'.* Il-Kunsillier Ian Micallef qal li dak ma kienx kliem li jinkiteb lis-Segretarju Eżekuttiv u hu ma jaċċetta minn ħadd attitudni simili, anke jekk il-persuna ma tkunx taqbel mas-Segretarju Eżekuttiv, għaliex is-Segretarju Ezekuttiv kienet l-*employer* ta' l-*accountant*.

L-*accountant* qal, li s-Segretarju Eżekuttiv ma kinitx l-*employer* tiegħu.

Il-Kunsillier Ian Micallef tenna għal diversi drabi li s-Segretarju Eżekuttiv kienet l-*employer* tiegħu u sostna li la hu għandu kuntratt mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv hi l-*employer* tiegħu għaliex fil-Kunsill, hi l-Kap Finanzjarju, fattur li tidderterminah il-ligi u kompla jaqra mill-*e-mail* mibgħuta mill-*accountant 'for reasons that are known to you and/or maybe other Councillors',* statement li kien pastażata fil-konfront ta' sħabu kollha. Kien għalhekk, li hu kitiblu u nfurmah li jekk kien qed jgħid għalih, jiġifieri l-Kunsillier Ian Micallef, dan għandu jgħidlu direttament u mhux kompla jisfidah.

Il-Kunsillier Ian Micallef reġa' għamel referenza għall-*e-mail* ta' l-awdituri *Grant Thornton* u x'qalet l-*N.A.O.* Hu kompla jgħid li jekk wieħed jaqra l-*e-mail* ta' N.A.O. jara li din ma kinitx kwestjoni ta' jekk tkunx tekniku jew le imma, fl-*N.A.O.*, ssemmew affarijiet li jifimhom kull min irid jara l-affarijiet x'inhuma bħal *Table of Contents missing* eċċ.

Intant, matul id-diskussjoni li nħolqot dwar l-*e-mail* ta' l-*N.A.O.*, filwaqt li l-*accountant* qal, li din l-*e-mail* kienet ntbagħtet ġimgħa wara li ssottometta d-*draft accounts* u meta tqis l-ammont ta' ftit ta' żmien li kien hemm biex jipprepara l-*accounts* hu kien ħejja biss *draft Profit & Loss* dettaljat, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu kien qed jindirizza din is-sitwazzjoni 'il fuq minn xahrejn wara li ntbagħtet, jiġifieri kien ngħata żmien biżżejjed biex dawn il-punti jiġu ndirizzati u kien għalhekk li kien qed jistenna x'azzjoni ttieħdet biex kull waħda mill-punti msemmija tiġi ratifikata. Huwa kompla jgħid li l-*e-mail* tal-Viċi-Sindku kienet ċara li kien ingħata dan iż-żmien biex dawn jiġu ndirizzat imma, dan ma sarx u għalhekk, hu qal, li m'hemm difiża lil ħadd għaliex jemmen li l-Kunsill kien konċedenti biżżejjed, refa' r-responsabbilita' anke jekk refgħuha sħabu, meta ma kienx preżenti hu imma f'dan l-istadju kien qed jerfgħha hu ukoll. Il-Kunsillier Ian Micallef qal li meta taqra dwar x'kien hemm nieqes tara li l-affarijiet li *N.A.O.* kienu qed isaqsu dwarhom, ma kienux tekniċi imma spjegazzjonijiet li seta' wieħed jara x'ġara minnhom u għaliex kienu għadhom ma sarux. Hu rrefera ukoll għal dak li għamel referenza għalih aktar qabel il-Viċi-Sindku li lanqas sal-laqgħa l-*accounts* kienu għadhom ma ġewx preżentati, tajbin jew ħżiena, in konformi ma' dak ta' l-*N.A.O*.

L-*accountant* qal, li skont l-*e-mail* tas-Sindku hu kien qal, li jammetti li kellu *shortcomings* tiegħu, m'għandux kollox perfett u kienet ovvja li hu m'attendiex għall-laqgħa biex jiddefendi li kien tard pero' hu li dejqitu kienet l-attitudni li kien qed jiġi njorat għalkemm, is-Segretarju Eżekuttiv kienet spjegat li ma kienx il-każ.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li hu kien wieġeb li l-*e-mail* ta' l-*N.A.O*. u nforma fejn qal li ser jissottometti dak mitlub sal-15 ta' Marzu 2010, fattur li ma kienx ġust li wieħed jagħti r-risposta b'*deadline* u mbagħad ma jżommx magħha.

L-*accountant* qal, li hu xtaq li jagħlaq.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Victor Rutter li la darba l-laqgħa ma' *Grant Thornton* ma saritx, hu ma kienx f'pozizzjoni li jagħlaq sa t-8 ta' Ġunju 2010, l-*accountant* qal, li hu ser jagħlaq iżda xorta jrid jiltaqa' magħhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-prijorita' kienet li l-*accountant* jikkonferma li sat-8 ta' Ġunju 2010, li l-punti mqajma kemm mill-*Grant Thornton* kif ukoll, mill-*N.A.O.* humiex ser ikunu ndirizzati.

Intant, id-diskussjoni kompliet tizvolġi fejn l-*accountant* qal, li l-ewwel għandhom jgħaddu l-*adjustments* u wara tiġi ndirizzata l-*e-mail* ta' l-*N.A.O.* u dan għaliex fuq d-*draft accounts* mibgħuta lil *N.A.O.* riedu jgħaddu xi *adjustments* filwaqt li l-Kunsillier Ian Micallef qal, li kien qed isaqsi dwar il-punti li l-*N.A.O.* sabu nieqsa u li ma setgħux jitħallew barra.

L-*accountant* qal, li ma kienx qed jifhem u staqsa jekk il-Kunsillier Ian Micallef riedux jindirizza d-*draft financial statements* b'dak li talbet l-*N.A.O.* jew bl-*adjusted financial statements*. Hu kien tal-fehma li l-ewwel jgħaddi l-*adjustments*, mbagħad jindirizza l-*N.A.O.* sabiex dawn jiġu ndirizzati bl-*adjusted financial statements.*

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li b'*adjusted financial statements* kien qed jifhem li jinkludu dak li qed tgħid l-*N.A.O.* jiġifieri li *d-draft financial statement*s għandhom ikunu fil-format li qed titlob l-*N.A.O.*

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-*accountant* jekk dak li kien qed jitlob il-Kunsillier Ian Micallef, hux ser ikun sottomess sat-8 ta' Ġunju 2010.

L-*accountant* qal, li sat-8 ta' Ġunju 2010, kien ser jissottometti l-*accounts* skont it-*templates* li kien għaddielu Mario Magro Conti.

Għall-mistoqsija taċ-*Chairman*, jekk meta l-Kunsill jirċievi l-*accounts*, riedx jerġa' jiltaqa', s-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li filwaqt li l-proċedura kienet li dawn jiġu approvati waqt laqgħa ta' Kunsill, madanakollu f'dan l-istadju dawn għandhom jiġu sottomessi mill-ewwel lill-entitajiet konċernati u dan sabiex ma jkomplix jittawwal il-proċess.

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk l-*financial statements* għandhomx jintbagħtu lil *Grant Thornton* qabel l-*N.A.O.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li proċeduralment il-*financial statements* l-ewwel jintbagħtu lil *N.A.O.* u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tant, li l-kummenti ta' l-*N.A.O.* kienu qabel ma beda' l-*audit* minn *Grant Thornton* u li dawn ta' l-aħħar ikunu gwidati mill-*N.A.O.* Madanakollu, f'dan l-istadju kienet ser tibgħathom mill-ewwel 'l kulħadd, jiġifieri *Grant Thornton*, l-*N.A.O.* u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien qed jilqa' l-appell tal-Kunsillier Ian Micallef, li l-ewwel jiġu ppreżentati l-*accounts* u r-responsabbilita' tiġi ddikjarata wara, skont iċ-*channels* kif proposti minnu fuq talba tal-Viċi-Sindku. Hu kompla jgħid, li tajjeb li l-Kunsill ikun jaf kemm kien preokkupat għal dawn l-aħħar xahrejn u ddispjaċih għall-iskambju ta' korrispondenza li kellu mal-Kunsillier Ian Micallef u fejn naqas skuża ruħu, kif kien qed jippretendi li jagħmel l-istess Kunsillier Ian Micallef. Ir-raġuni l-għala ħalla din is-sitwazzjoni tiżvolġi u ntervjena biss biex jiċċara ċertu affarijiet kienet, biex il-Kunsillieri jkunu jafu dak li kien qed jiffaċċja hu u fl-liema serenita' kellu jipprova jieħu deċiżjoni. Dwar in-nuqqas ta' qbil li setgħa kien hemm bejnu u bejn is-

Segretarju Eżekuttiv, hu kien ser jitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv direttament u ma kellux dubju li dawn jiġu solvuti kif dejjem sar għax ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm nuqqas ta' qbil. L-importanti kien, li l-*accounts* jiġu ppreżentati u wara jiġi vverifikat ta' min kienet ir-responsabbilita' u min għandu r-responsabbilita' ser jerfagħaha pero' la kien ser jiddeċiedi hu u l-anqas il-Kunsill iżda jiddeċiedi min għandu l-kompitu li jagħmel dan.

Apparti dan, xtaq isemmi l-aħħar ħaġa biex ikun ġust fuq kollox u għamel referenza għal meta l-problema kienet waħda teknika dwar *batch postings* u anke fejn l-awdituri qalu li saru affarijiet ħażin. Hu spjega kif s-Segretarju Ezekuttiv kienet qed izzommu aġġornat filwaqt li meta kien ikellem l-*accountant* ma kienx jaqbel. Is-Sindku qal, li hu mhux ser jidħol fihom f'dan l-istadju u lanqas jista' jidħol fil-mertu tagħha pero' kien qed jirrepeti biex il-Kunsill jifhem x'kien l-ambjent li kien jinsab fih hu, fil-frattemp ta' liema kien qed jiġi indizzjat mingħand kollegi li hu kien qed jagħmel xi ħaġa ħażina, meta l-għan tiegħu kien biss li jwassal f'punt ta' konverġenza.

Il-Viċi-Sindku qal, li ċ-*Chairman* kien għadu kemm għamel *statement* li kien qed jiġi ndirizzat mingħand kollegi u xtaq kjarifika.

Iċ-*Chairman* qal, li kien qed jirreferi għall-iskambji ta' *e-mails* mal-Kunsillier Ian Micallef pero' diġa' tkellem fuqha u qal li fejn hu tkellem aktar milli jmissu, skuża ruħu u jippretendi l-istess mingħand il-Kunsillier Ian Micallef.

Il-Kunsillier Ian Micallef irreċiproka.

Is-Segretarju Eżekuttiv kkonkludiet fejn qalet li din kienet sitwazzjoni fejn minn naħa kellha l-*accountant*, fuq naħa oħra l-awdituri u hi tkun fin-nofs, mitluba kontinwament twieġeb mistoqsijiet fost il-pressjoni kollha ta' xogħol li jkun hemm. Bħala Segretarju Eżekuttiv, ma setgħetx twieġeb għal kollox u kien obbligu tagħha li żżomm lill-Kunsill nfurmat b'dak kollu li kien qed jiġri.

Iċ-*Chairman* qal, li f'dan it-trianglu kien hemm hu ukoll u jekk hemm xi ħadd li ħaseb li għandu xi nuqqas dwar il-mod ta' kif affronta l-biċċa tax-xogħol, jitlobu jgħidlu x'kienet imma żgur li hi xi ħaġa politika li tista' ma taqbilx fuqha għaliex iħoss li l-mod kif mexa kien korrett.

La ma kienx hemm aktar mistoqsijiet għall-*accountant*, Antoine Portelli telaq fis-7.00 p.m.

### 5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**5.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1779 sa Nru: 1825 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Il-Kunsill iddiskuta r-*Request Sheets* Nru: 1809 - €525.00 u Nru: 1810 - €1,837.50 – Antoine Portelli, u qabel unanimament li dawn għandhom jinżammu u jerġgħu jiġu diskussi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kien ċempel is-Sur Tyrone Grima *co-ordinator* tal-*Form 3* ta' *Stella Maris College* fejn talab jekk mitt tifel setgħux jagħmlu xi xogħol ta' tindif, il-Ġimgħa 14 ta' Mejju 2010 – kommemorazzjoni tal-Fundatur tal-Kulleġġ.

Dan ix-xogħol kien sar, ħamsin tifel nadfu l-konki tax-Xatt, in-naħa tal-baħar filwaqt li ħamsin oħra nadfu s-*central strip* ta' wara l-ġnien. Il-Kunsill kien ipprovda kemm l-ingwanti u l-għodda neċessarji kif ukoll, talab lid-ditta *Rausi Trading Ltd* sabiex jingħataw mitt flixkun ilma b'xejn u mitt kinder brioss bil-ħlas, li l-ammont kien ta' €24.10.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku

Il-Viċi-Sindku qal, li rigward ir-riċeviment li għandu jsir f'Lulju 2010, li għalih kienu ser jiġu mistiedna, l-Għaqdiet tal-lokalita', l-kuntratturi, l-Ħaddiema, l-ex Kunsillieri, s-Sotto Kumitati, n-nies professjonali tal-Kunsill, il-kapijiet ta' l-iskejjel, tal-Knisja, l-Pulizija, is-Sindki kollha ta' Malta u Ghawdex, l-membri tal-Kunsill preżenti u l-i*staff* tal-Kunsill kien qed jitlob is-somma ta' €2,329.37 biex ikopri l-ikel, ix-xorb (inbid, birra, minerali u ilma) u xi mużika. Id-data għandha tiġi konfermata aktar 'l quddiem.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa li kellu ma' l-Għaqda Mużikali *Mount Carmel* dwar il-Lejla Gżirjana li ser issir it-Tnejn 28 ta' Ġunju 2010, fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Huwa kompla jgħid, li fost affarijiet oħra, sar ftehim li ssir sezzjoni għall-artiġjanat minn residenti u ssir parata mill-i*scouts* ta' l-Imsida minħabba li dawn ta' l-aħħar għandhom il-banda. L-ammont ta' din l-attivita' huwa ta' €975.00.

Iċ-*Chairman* qal, li din ser tkun l-attivita' l-kbira tal-Gżira pero' fil-ġejjini mhux ser tkun limitata għall-Għaqda Mużikali Mount Carmel biss iżda anke għall-Għaqdiet kollha tal-lokalita'.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri għan-nefqa hawn fuq imsemmija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li wara telefonata li kienet irċeviet mis-Sur Albert Galdes ex propjetarju tas-*Sundew Enterprises Ltd*, dwar il-kont pendenti tad-dawl tal-komun, kienu ntbagħtu tlett kontijiet permezz ta' *e-*

*mails* jiġifieri, Kunsill Lokali – *Eurodecor Ltd (Arcidiacono) – Multinational Tourism & Trade Ltd.* Hi kompliet tgħid, li l-parti tal-Kunsill kienet *one fitth* u għalhekk, l-ammont kien ta' €215.61 inkluża l-VAT u dan minħabba l-fatt, li l-Kunsill ried iħallas għall-żewġ appartamenti.

Il-Viċi-Sindku qal, li ma jarax għalfejn il-Kunsill għandu jħallas *one fifth* meta hemm ħdax –il *unit*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li s-sehem tal-ħlas jinqasam biss fuq il-*finished parts*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jitħallas l-ammont ta' €215.61 għall-perjodu Mejju sa Ottubru 2009 (tal-komun) pero' fil-futur irid jinġieb il-kont oriġinali ta' *ARMS Ltd*.

Tressqu ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

- *Advert* li ser jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-festa tal-Parroċċa €70.00
- *Advert* li ser jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-festa ta' l-Għaqda Mużikali Mount Carmel - €70.00
- Alfred Baldacchino – Attivita' Anzjani – 18.05.2010 - €30.00

Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 1779 sa ru. 1825 minbarra *Request Sheets* Nru: 1809 u 1810 kif ukoll, il-pagamenti hawn fuq imsemija, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Sejħa għall-Offerti ta'** ***Road Resurfacing***

**7.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq imsemmi, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li minn meta din it-*tender* infetħet fis-27 t'April 2010 f'nofs in-nhar, il-Kumitat li kien magħmul, mill-Viċi-Sindku bħala *Chairman*, il-Kunsillieri Anthony Abela u Malcolm Camilleri flimkien ma' l-Perit Matthew Bugeja, kien iltaqa' tlett darbiet u cioe' fis-6, fit-13 u fis-27 ta' Mejju 2010 u għal kull laqgħa hi kienet atendiet u ħadet il-minuti. Matul il-laqgħa' tas-6 ta' Mejju 2010, kien ingħata *price ranking* lis-sottomettenti:

- *Road Servicing Ltd* *€47,662.80*
- *Polidano Bros Ltd* *€52,962.45*
- *Bonnici Bros Ltd* *€54,286.20*
- *Schembri Infrastructure* *€57,798.50*

- *Philip Aguis & Sons* *€73,782.60*

u dan wara li ġie vverifikat li f'kull dokument ġiet sottomessa l-informazzjoni kollha mitluba. Matul din il-laqgħa (ara *Appendix* Nru: 2) l-Viċi-Sindku kien staqsa, jekk is-Sejħa għall-Offerti kinitx tispeċifika t-tip ta' żrara użata, għall-liema mistoqsija kienet saret referenza għall-*Bill of Quantities* ta' l-istess sejħa, fejn ġie vverifikat, li kien hemm speċifikat, li l-*hot asphalt* irid ikun skont **EN/DIN** u l-Perit Matthew Bugeja qal, li sta għal min jirbaħ l-offerta, li jara li jimxi ma' l-i*standards* mitluba f'din is-sejħa.

Għalhekk kien ġie deċiż li jsir *short listing* tas-sottomettenti u kellha ssir laqgħa magħhom, l-Ħamis 13 ta' Mejju 2010, fejn għandha tingħata mportanza meta kien ser jinbeda x-xogħol kif ukoll, kull sottomettent għandu jiġi nfurmat bix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

It-tlett sottomettenti li gew *short listed* kienu: *Road Servicing Ltd, Bonnici Bros* u *Polidano Bros. Ltd.*

Matul il-laqgħa li saret fit-13 ta' Mejju 2010, (ara *Appendix* Nru: 3) li għaliha attendew:

*Road Servicing Ltd* – fl-10.15 a.m.

*Bonnici Bros* - fl-10.45 a.m.

*Polidano Bros. Ltd* - fil-11.00 a.m.

kienu ntalbu jissottomettu r-rati għas-*civil works* li kieku l-Kunsill ikollu jiddeċiedi, li minflok jgħaddi l-flus lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, iħallas direttament lill-kuntrattur. It-tlieta kienu wieġbu u s-sottomettew ir-rati tagħhom f'*envelope* ssiġillat li nfetħu mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-Viċi-Sindku fejn irriżulta li r-rati mitfugħa kienu l-istess għaliex kienu l-istess rati tal-ftehim li għandhom ma' din il-Korporazzjoni u dan kien ifisser li bħala *price ranking* ma kienx ser ikun hemm differenza.

Kemm id-ditta *Road Servicing Ltd* kif ukoll *Bonnici Bros* wieġbu l-istess għall-mistoqsijiet li kienu ġew imħejjija mill-Kumitat u li staqsa l-Perit lil kull sottomettent u t-tnejn kienu disposti li jibdew fl-1 ta' Ġunju 2010, madanakollu, kien jiddependi mill-ipproċessar tal-permessi mit.T.M.

Anke d-ditta *Polidano Bros Ltd* wieġbet għall-mistoqsijiet li saru mill-Perit, bid-differenza li għall-mistoqsija Nru: iii ir-risposta kienet, li 'filwaqt li biż-żrara ta' Malta jintlaħqu l-i*standards* msemmija fit-*tender* mandanakollu, jekk ikun hemm bżonn juża' ż-żrar ta' barra li hi *anti-skid* u ta' kwalita' aħjar minn ta' Malta.' Din id-ditta kienet ser tilħaq it-*targets* kollha madanakollu, dan kien jiddependi mill-ipproċessar tal-permessi mit-*TM.*

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela dwar x'differenza tgħaddi bejn iż-żrara ta' Malta u dik ta' barra, l-Perit kien wieġeb, li dan ikun dovut għall-

fatt, li l-barrieri huma differenti u għalhekk, fejn żrar tal-barriera ta' Malta ma jilħaqx l-speċifikazzjonijiet, dan ikollu jitħallat ma' ta' barra u l-*wearing course* ta' barra hu aħjar minn ta' Malta.

A bazi tal-mistoqsija tal-Viċi-Sindku dwar x'jirrakomanda l-Perit, dan kien wieġeb li t-tlieta huma suffiċjenti u l-aktar wieħed li għandu l-akbar *set up*, seta' jlaħħaq mad-*deadline*.

Matul il-laqgħa li saret fis-27 ta' Mejju 2010, (ara *Appendix* Nru 4) wara li reġgħu saru xi kjarifiki mill-membri lill-Perit, tressqu r-rakkomandazzjonijiet li kienu:

Il-Kunsillieri Anthony Abela u Malcolm Camilleri rrakkomandaw lid-ditta *Road Servicing Ltd* għar-raġunijiet msemmija fil-laqgħa preċedenti jiġifieri dik tat-13 ta' Mejju 2010, għandha r-rekwiżiti neċessarji, jsiru t-testijiet neċessarji u għall-ammont ta' €47,662.80 li kien l-orħos wieħed la darba t-tlieta kienu suffiċjenti.

Il-Viċi-Sindku qabel ma ta' r-rakkomandazzjoni tiegħu, talab kjarifika lill-Perit rigward kumment tiegħu fil-laqgħa preċedenti, dwar min kien l-akbar sottomettent mit-tlieta li skont il-Perit kien, l-aktar wieħed li għandu l-akbar *set up* li seta' jlaħħaq mad-*deadline*. Il-Perit wieġeb, li fl-opinjoni tiegħu jaħseb, li l-akbar wieħed kien, *Polidano Bros. Ltd*.

Għaldaqstant, ir-rakkomandazzjoni tal-Viċi-Sindku kienet *Polidano Bros Ltd*. a bazi tal-fatt, li la darba d-differenza kienet waħda minima ta' madwar €5,000, kien jippreferi li jagħżel kuntrattur li jista' juża ż-żrara ta' barra u li għandu l-impjant tiegħu.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* intervjena u qal li din kienet l-ewwel darba li l-Kumitat ma kienx unanimu u għalhekk, ir-rakkomandazzjoni tressqet għad-diskussjoni.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, għalkemm id-differenza kienet ta' madwar €5,000 din għandha titqies bil-perċentwalita' u la t-tlieta kienu ser jilħqu l-i*standards* meħtieġa u ser isiru wkoll, it-testijiet, l-Kunsill dejjem għażel l-orħos offerta u l-kuntratturi kollha jafu biż-żrara ta' barra għalkemm iż-żrara ta' Għawdex hi tajba iżda l-Kunsill ma kienx ser jidħol f'dan il-mertu.

Huwa kompla jgħid, li x-*shareholder* tad-ditta *Road Servicing Ltd* huwa l-*Bitmac* u wieħed irid joqgħod attent minħabba l-fatt, li t-*tenders* qed ikunu *scrutinized* u l-argument tiegħu kien, li jekk il-Kunsill m'għandux raġuni teknika għall-orħos offerent, dan ta' l-aħħar ser jappella, każ li jieħu fit-tul. Għaldaqstant, hu kien qed jagħżel l-orħos offerent jiġifieri d-ditta *Road Servicing Ltd.*

Il-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri u Victor Rutter qablu wkoll li tintagħżel id-ditta *Road Servicing Ltd* basta x-xogħol ikun bbażat fuq it-testijiet.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien ser iżomm mad-deċiżjoni tiegħu jiġifieri d-ditta Polidano Bros Ltd.anke minħabba l-fatt, li dan il-kuntrattur, jekk ikun hemm bżonn, juża ż-żrara ta' barra.

Iċ-*Chairman* qal, li l-uniku ħaġa li tinkwetah kienet, li jekk il-Kunsill ikun mexa ħażin, ma riedx li jkun protagonist u għalhekk, ħalla f'idejn il-Kunsill biex tittieħed d-deċiżjoni u għalhekk hu jmur mal-maġġoranza.

Ir-riżultat tal-votazzjoni kien sitta favur li kienu, ċ-*Chairman* u l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter u wieħed kontra li kien il-Viċi-Sindku Joe Camilleri.

Għaldaqstant, intgħażlet id-ditta *Road Servicing Ltd* għall-ammont ta' €47,662.80 minħabba l-fatt, li għall-orħos offerta m'hemm l-ebda opinjoni teknika li teskludiha milli tingħata l-kuntratt'.

Din il-mozzjoni tressqet miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 ta' Mejju 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat ittra miġjuba personali mill-għalliem tal-Malti, s-Sur Charles Mangion fejn irringrazzja lill-Kunsill għall-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sab sabiex dan il-kors tat-tagħlim tal-Malti seta' jsir. Is-Sur Mangion kien sodisfatt ħafna bil-progress li għamlu l-istudenti tant, li esprima x-xewqa tiegħu li jkomplu l-kors is-sena skolastika li jmiss u huwa lest biex ikompli dan it-tagħlim.

**3.4.** Ġie deċiż li, l-Viċi-Sindku ser jattendi għall-laqgħa nformattiva rigward *Memo 63/2010 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Kosijiet Life Long Learning* li ser issir it-Tnejn 31 ta' Mejju 2010, ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**3.5.** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn residenti ta' Triq Reggie Miller fejn dawn xtaqu xi kjarifika dwar taraġ li kellu jiġi kostruit biex jgħaqqad Triq il-Madonna tal-Ġebla ma' Triq Reggie Miller. Dawn talbu l-informazzjoni lill-MEPA pero' għalkemm hemm permess f'isem John

Grech, il-MEPA ma setetx tikkonferma jekk kienx hemm applikazzjoni minn naħa tal-Gvern biex jinbena dan it-taraġ u talbithom jikkonfermaw mal-Kunsill jekk dan ta' l-aħħar kiex applika hu.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li dan it-taraġ għandu jsir mill-Gvern Ċentrali u għalhekk, il-Kunsill kellu jagħmel il-kuntatti neċessarji.

**3.6.** Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol ta' *patching* temporanju li sar f'diversi toroq qabel Mejju 2010, sar bħala *a gesture of goodwill* u għalhekk, il-kuntrattur *J.&K. Contractors Ltd* ma kienx ser jitlob ħlas.

**3.7.** Għat-talba li saret lit-*TM*, kkupjata lill-Kunsill mid-ditta *Technoline*, sabiex tiġi kkunsidrata applikazzjoni għall-*un/loading bay* mit-08.00 a.m. sal-5.00 p.m. fi Triq Edgar Bernard, il-Kunsill qabel unanimament, li jekk il-garaxxijiet ma' ġenb l-uffiċini tagħhom huma *stores*, il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jirrakkomanda din it-talba minħabba l-fatt, li hu dejjem ressaq rakkomandazzjonijiet għall-*un/loading bays* li jingħataw biss għal *retail outlets*.

**3.8.** Ġie deċiż, li kopja ta' l-ittra mibgħuta mit-*TM* dwar l-*un/loading bay* fi Triq Ponsonby fejn jidher li m'hemmx approvazzjoni għaliha, għandha tintbagħat għall-attenzjoni tad-ditta *C. Stivala & Sons Ltd.*

**3.9.** Rigward ittra mibgħuta mit-*TM* dwar *Alighting/Boarding Bay* fi Triq ix-Xatt, li għandha tkun tlieta u għoxrin metru twila, l-Kunsill qabel unanimament, li għandha niktbu lit-*TM* biex terġa' tikkonsidra dan il-qies minħabba l-fatt, li ma' ġenb din il-*bay* hemm *bus stop* u għalhekk, hemm spazju biżżejjed biex ikunu jistgħu jimmanuvraw il-*coaches* u b'hekk ma jintilfux *parking bays* f'*area* tant ristretta. .

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament, li ma jsib ebda oġġezzjoni li tiġi organizzata tombola mill-*Gżira United Football Club* kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, bil-kundizzjoni li:

- tiġi nominata persuna li tkun responsabbli għal xi ħsarat.
- Kull ħsara għandha tiġi rrappurtata lill-Kunsill
- Il-Ġnien irid jinżamm nadif u aċċess għas-*soft areas* huwa projbit.
- l-volum irid ikun moderat biex ma joħloqx inkonvenjenza għar-residenti tal-madwar u l-attivita' trid tispiċċa sal-11.00 p.m.
- jitpoġġa *mobile kiosk* sakemm dan ikollu l-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

- Ma jistax jinħareġ permess biex jitpogga' *20 ft container* fl-ebda triq minħabba li m'hemmx permess għalih

**3.11.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex il-*Gżira United Football Club* jorganizzaw il-laqgħa ġenerali annwali tagħhom fl-*Activities Centre*, l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2010, bil-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill.

**3.12.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kienet waslet *Memo 70/2010* rigward Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri.

**3.13.** Ġie deċiż li ċ-*Chairman* flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela u George Cardona rappreżentant tal-Perit għandhom jagħmlu *site-inspection* f'Misraħ Turu Colombo u dan b'eżitu tal-fatt, li l-Kunsill kien irċieva żewġ *e-mails* bl-ilmenti mingħand is-Sur Antoine Azzopardi u l-istima tal-Perit tlaħħaq 'l fuq minn €8,000.00.

**3.14.** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu ma' rappreżentanti ta' l-*E.T.C.* is-Sinjura Wilma Phaelm, Charmaine Cutajar u Olivia Farrugia.

Hu kompla jgħid, li l-iskop tal-laqgħa kien biex jiġu organizzati *courses* partikularment għaż-żgħażagħ u mill-lista preżentata ġie maqbul li għandna nibdew bl-informatika u *food handling courses*. Ġie deċiż li r-residenti għandhom ikunu nfurmati li din il-Korporazzjoni toffri *supported employment service* u għalhekk, kellu jsir kuntatt mal-Kappillan tal-Paroċċa biex jiġi nfurmat b'dan iz-servizz kif ukoll, il-Kunsill kellu jgħaddi lista ta' l-Għaqdiet kollha tal-lokalita' biex l-*E.T.C.* torganizzza laqgħa għar-rappreżentanti tagħhom dwar is-servizzi.

Is-Sinjura Phaelm, kellha tħejji artiklu biex jigi ppublikat fil-ħarġa tal-Kunsill dwar opportunitajiet offruti liż-żgħażagħ kif ukoll, tibgħat *auto mailers* bil-vakanzi għax-xogħljiet li l-Kunsill irid jieħu ħsieb ippoġġihom fin-*notice board* għall-attenzjoni tar-residenti.

It-tlett rappreżentanti flimkien miegħu, żaru iċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet u skont hu, sabuh addattat.

**3.15.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1** Rigward id-disjkussjoni li saret fil-laqgħa preċedenti dwar is-sejħa għall-offeri għall-skart imħallat, is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li din is-sejħa kienet għadha ma ġietx ippubblikat minħabba l-fatt li kif komunikat permezz t'*e-mail*, kien qed jigi propost mill-Kunsillier Anthony Abela, li f'*annex* 2, jigu ukoll nkluża l-*green grocers*.

Matul id-diskussjoni li saret iċ-*Chairman* qal, li s-sistema l-ġdida tal-ġbir ta' l-iskart, kienet ilha li bdiet xahrejn u kien fatt mistenni li l-Kunsill kien ser iħabbat wiċċu ma' ħafna problemi pero' jidher li din is-sistema bil-mod il-

mod qed tindara' u ma għadtx hemm dik il-kwantita' ta' skart fit-toroq. Huwa kompla jgħid, li fl-opinjoni tiegħhu, kien għadu kmieni għall-ċertu setturi u kien kuntent b'dak li kien qed isir mill-Kunsillier Anthony Abela, iżda l-Kunsill għandu jara kif ser imur bit-*tender* u wara, jiddeċiedi.

Il-Kunsillier Ian Micallef zied jgħid li l-Kunsill jista' jieħu l-azzjoni korrettiva, pero' f'dan l-istadju kien jaqbel mac-*Chairman* li d-dokument tas-sejħa għall-offerti tigi ppubblikata kif approvata fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u dan minħabba l-fatt li din il-klawsola tista' tigi nkluża aktar 'l quddiem.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal iċ-*Chairman* u l-proposta tal-Kunsillier Ian Micallef kif ukoll, li ssir il-proċedura neċessarja biex jiġi ppubblikat it-*tender* u l-ammont pagabbli kien ta' €250.

**8.2** Il-Kunsillier Anthony Abela informa li kienet saret laqgha mal-*Green MT* fejn il-Kunsill talab 'l din id-ditta tikkunsidra li tibda' toffri *extra service* għall-ġbir ta' kartun mill-ħwienet. Hu kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu, dan l-*extra service* għandu jibda mill-aktar fis u dan minħabba l-fatt, li fit-toroq qed ikun hemm massa ta' kartun, għall-liema proposta kien nfurmat mis-Sur J. Attard tal-*Green Mt*, li dan is-servizz kien jista' jiġi mplimentat anke minn naħa tal-*G.R.T.U.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li d-ditta hawn fuq imsemmija, nfurmat li dan is-servizz kienet ser tieħu ħsiebu hi u toffriħ b'xejn.

**8.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien ċempel is-Sur Toni Bajada rappreżentant tad-ditta *WasteServ* fejn qal, li l-Kunsill Malti għall-I*sports,* kien qed joġġezzjona għall-*bring-in-site* li hemm ħdejn il-pixxina nazzjonali u dan ried li jitneħħew jekk jista' jkun mill-għada.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jivverifika jekk fejn qieghed dan is-sit jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

**9. Laqgħa Oħra**

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.40 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K163/119/10**

**27 May 2010** **KLG5/43**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1779 | Ms Alexandra Galea – Crafts lessons invoice No: 07 – May 2010 | 375.00 | 6587 |
| 1780 | Mr. Joe Borg invoice No: 13 Duck food May 2010 | 46.59 | 6606 |
| 1781 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 28 Door to Door Collection May 2010 | 5,590.50 | 6597 |
| 1782 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 29 Hire of Skips May 2010 | 432.87 | 6598 |
| 1783 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 30 Public Convenience May 2010 | 836.06 | 6599 |
| 1784 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 31 Bulky Refuse April 2010 – 160 calls | 875.84 | 6600 |
| 1785 | Mr. Emanuel Mifsud invoice No: 32 Extra Service 17.04.2010 Papal visit | 100.00 | 6601 |
| 1786 | A.V. Glass & Mirrors invoice No: 410 glass pane re library | 4.50 | 6530 |
| 1787 | S. Rausi Trading Ltd invoice Nos: 11119271 & 11120085 | 26.99 | 6582 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1788 | Mr. Alfred Baldacchino – Attivita' 11.05.2010 St. Vincent de Paule | 30.00 | 6574 |
| 1789 | Gżira Parish Church advert fil-magazine tal-Festa | 70.00 | 6575 |
| 1790 | Melita plc – invoice 28650670 from 01.05.2010 – 30.06.2010 | 23.30 | 6576 |
| 1791 | G4S Security Services invoice No: GS 000057 – 5 Trips April 2010 | 38.05 | 6607 |
| 1792 | The Toolbox invoice Nos: 9509 | 56.41 | 6608 |
| 1793 | Pace & Mercieca invoice No: 640322 6x2.5 ltrs Cuprinol Woodstain (benches) | 210.57 | 6609 |
| 1794 | Makaw Ironmongery invoice No: 16384 Woodstain Deep Mahagony (benches) | 189.99 | 6612 |
| 1795 | Borg Hardware Store invoice No: 846 | 21.25 | 6613 |
| 1796 | Squire Bookshop invoice No: 7323 newspapers April 2010 | 43.65 | 6614 |
| 1797 | C.S.D. Office Trade invoice No: 30460 & 30633 A4 photocopy paper | 67.02 | 6615 |
| 1798 | Environmental L/Scapes Cons. Inv. 006167 – April 2010 – Soft Areas | 2,212.92 | 6616 |
| 1799 | Union Print Ltd invoice No: A1002433 advert skart 07.04.2010 | 68.91 | 6617 |
| 1800 | Sound Vision Print Ltd invoice 12819 advert skart | 88.03 | 6618 |
| 1801 | Media Link Comm. Co. Ltd. Invoice 043476 – advert skart | 68.44 | 6619 |
| 1802 | Standard Publications Ltd invoice invoice No: 70276 – Advert Skart | 66.08 | 6611 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1803 | Polidano Bros Ltd. Invoice No: 081109 embellishment Ġnien | 15,999.11 | 6537 |
| 1804 | Koperativa Tabelli u Sinjali invoice No: 12947 job No: 8434 Traffic Signs | 305.52 | 6620 |
| 1805 | GO plc invoice No: 23663088 tel No: 322157 Calls April Rent May 2010 | 73.88 | 6552 |
| 1806 | GO plc invoice No: 236652391 tel No: 341616 Calls April Rent May 2010 | 21.60 | 6553 |
| 1807 | GO plc invoice No: 23662381 tel No: 334254/341034 calls April Rent May 2010 | 66.10 | 6554 |
| 1808 | Seg. Permanenti – Advert Malta Indep Tender GLC001/2010 Resurfacing | 50.00 | 6577 |
| 1809 | Mr. Antoine Portelli invoice GLC 001 Additional Acc. Serv. 01.04.09/24.05.09 | 450.00 | 6604 |
| 1810 | Mr. Antoine Portelli invoice GLC 002 Acc. Serv. 25.05.09/31.12.09 (7 mths) | 1,575.00 | 6605 |
| 1811 | J&K Contractors Ltd invoice No: 1111-10 Maria Tereza Spinelli | 4,583.85 | 6580 |
| 1812 | J. Bugeja & Associates r.f.p. No: 512 c/m fee re: M/Tereza Spinelli | 216.36 | pending |
| 1813 | Melita plc invoice No: 28590815 08.10.09/07.11.09 €113.53 + Hello serv. 08.04.10 – 07.05.2010 | 293.14 | 6581 |
| 1814 | Melita plc invoice No: 28649198 March April & May 2010 Activities Centre | 23.28 | 6583 |
| 1815 | Melita plc invoice No: 28739835 Hello Service 08.05.10 – 07.06.2010 | 281.53 | 6584 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1816** | **ARMS Ltd invoice No: 12151528 period 24.04.09/16.12.09 Activities Centre** | **131.66** | **6585** |
| **1817** | **J.F. Mallia Ltd invoice Nos: 384/386 Maint Xatt/Monumenti & U shape fi Triq D'Argens & U-shape + Single Fi Triq Victory** | **628.87** | **6621/6622** |
| **1818** | **Ms Nathalie Camilleri – Librarian Services – May 2010** | **139.92** | **6623** |
| **1819** | **Mr. Steve R. Farrugia Sweeping Services on Sunday – April 2010 Inv. No: 284** | **378.52** | **6627** |
| **1820** | **Steve R. Farrugia Street Sweeping G/Cutting + Mech Sweeper April 2010 Inv. No: 283** | **4,631.56** | **6628** |
| **1821** | **Mr. Steve R. Farrugia Extra Services 0n 17.04.10 Papal Visit inv.10/1372** | **100.01** | **6655** |
| **1822** | **Alfa Co. Ltd Invoice Nos: 61961 & 61962 Rentals + Copies** | **167.67** | **6624** |
| **1823** | **Joe Bugeja & Assoc. r.f.p. 511 c/m fee J.& K re inv. Nos: 1100-09 & 1099-09/1098-09** | **332.90** | **pending** |
| **1824** | **IBIS Group Ltd invoice No: 2466 1 server + 8 Cisco phones + cards** | **4,139.44** | **6625** |
| **1825** | **IBIS Group Ltd invoice No: 2469 accessories for above** | **93.33** | **6626** |

Ref Nru: K142/10/10

6 ta' Mejju 2010

**Minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 6 ta' Mejju 2010 fl-10.15 a.m. fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira**

**Preżenti:** Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela u Malcolm Camilleri, l-Perit Matthew Bugeja flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**Materji Diskussi**: Sejħa għall-Offerti GLC 001/2010 – *Road resurfacing* ta' Toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri fetaħ id-diskussjoni u talab li jerġgħu jinfetħu d-dokumenti sabiex jiġi vverifikat li f'kull dokument ġiet sottomessa l-informazzjoni kollha mitluba. Fil-fatt, ġie kkonfermat mill-membri preżenti nkluż il-Perit Matthew Bugeja, li l-informazzjoni mitluba ġiet sottomessa.

***Price Ranking***

| | Nicola Cottoner | S. T. Coleridge | Imm. Kunċizzjoni |
|---|---|---|---|
| *Road Servicing Ltd* | € 10,951.14 | € 24,120.10 | € 12,291.56 |
| *Polidano Bros* | € 14,622.10 | € 25,128.50 | € 13,211.85 |
| *Bonnici Bros* | € 12,486.30 | € 27,407.10 | € 14,392.80 |
| *Schembri Infr. Ltd* | € 13,343.50 | € 29,267.00 | € 15,188.00 |
| *Philip Aguis & Sons* | € 17,084.60 | € 37,275.30 | € 19,422.70 |
| | | | |

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk is-sejħa għall-offerti kinitx tispeċifika t-tip ta' żrara użata, għall-liema mistoqsija, saret referenza għall-*Bill of Quantities* tas-Sejħa għall-offerti fejn ġie vverifikat li hemm speċifikat li l-*hot asphalt* jrid ikun skont EN/DIN.

Il-Perit Matthew Bugeja qal, li kien sta għal minn jirbaħ l-offerta li jara kif ser izzomm ma' l-*istandards* mitluba f'din is-sejħa.

Il-Viċi-Sindku staqsa lil dawk preżenti, nkluż il-Perit, sabiex iressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Perit Matthew Bugeja qa,l li s-sottomettenti huma kollha ta' stoffa u kollha reġistrati mat-T.M. kif kien speċifikat fl-istess sejħa għall-offerti.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li kien ferm mportanti li jkun hemm *follow-up* waqt ix-xogħol.

Il-Viċi-Sindku rrakkomanda, li għandha ssir laqgħa ma' l-ewwel tlieta skont il-*price ranking*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienet ta' l-opinjoni li jiltaqa' ma' kulħadd sabiex b'hekk tingħata l-istess opportunita' lis- sottomettenti kollha.

Kemm il-Viċi-Sindku kif ukoll, iż-żewġ Kunsillieri qablu, li għandha ssir laqgħa ma' l-ewwel tlieta, jiġifieri *Road Servicing LTD, Polidano Bros u Bonnici Bros* u din il-laqgħa għandha ssir il-Ħamis 13 ta' Mejju 2010, fl-10.00 a.m., fl-10.30 a.m. u fil-11.00 a.m.

Matul id-diskussjoni li kienet għaddejja, saret referenza għall-fatt, li waqt din il-laqgħa għandha tingħata importanza meta ser jinbeda x-xogħol kif ukoll, kull sottomettent għandu jiġi nfurmat bix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma.

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li minħabba l-fatt, li dan hu xogħol ta' *resurfacing*, jista' jagħti l-każ li ma jasalx sa fuq il-*main* u għalhekk ma jkunx jista' jiġi determinat jekk dan għandux bżonn jinbidel jew le.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li a abazi ta' l-ittra mibgħuta lill-Entitajiet, skont l-*agreement* li l-Kunsill rċieva mingħand din il-Korporazzjoni, din nfurmat li trid tibdel l-*mains* u l-*house services*, għall-liema xogħlijiet, il-Korporazzjoni għandha tiġi nfurmata minn ikun rebaħ il-kuntratt sabiex filwaqt li jiġi ffirmat l-*agreement,* huma jissupplixxu lill-kuntrattur bil-*mains* u l-*house services* u jagħmlu l-ħlasijiet neċessarji, b'eċċezzjoni tas-*civil works* tal-*mains*. Hi kompliet tgħid, li jekk il-Kunsill mhux dispost li jidħol f'dan l-*agreement*, din għandha tkun diskussa u deċiża waqt laqgħa tal-Kunsill minħabba l-irriprekussjonijiet li jista' jkun hemm wara li jsiru x-xogħolijiet u jiżviluppaw xi ħsarat, fejn filwaqt li l-Korporazzjoni tkun trid tagħmel it-tiswijiet neċessarji, ma taċċettax li tagħmel *full road width reinstatement*. Dan apparti l-fatt, li aktar kmieni din is-sena, l-Kunsill Lokali kien wieġeb *memo* 8/2010 fejn informa lill-*Quality Assurance Unit Executive Committee,* li l-Kunsill kien qed jippjana li jagħmel dawn it-toroq sabiex ikun ko-ordinat ix-xogħol ma' l-entitajiet minħabba t-trinek.

Il-Perit Matthew Bugeja żied jgħid, li l-Korporazzjoni għas-Servizz ta' l-Ilma kienet qed tinforma, li la darba ser isir dan ix-xogħol, huma riedu jbidlu kemm il-*mains* kif ukoll, il-*house services*.

Minħabba li ma kienx hemm aktar materji għad-disikussjoni, l-laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 13 Mejju 2010.

| | |
|---|---|
| Sur Joe Camilleri<br>Viċi-Sindku | Sur Anthony Abela<br>Kunsillier |
| Dott Malcolm Camilleri B.A. LL.D.<br>Kunsillier | Perit Matthew Bugeja<br>Joe Bugeja & Associates |
| Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv | |

Ref Nru: K142a/10/10

17 ta' Mejju 2010

**Minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 13 ta' Mejju 2010 fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira**

**Preżenti:** Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela u Malcolm Camilleri, l-Perit Matthew Bugeja flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**Materji Diskussi**: Sejħa għall-Offerti GLC 001/2010 – *Road resurfacing* ta' Toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner

B'eżitu ta' diskussjoni bejn il-Perit u l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri ġew imħejji sett ta' mistoqsijiet li l-Perit staqsa lil kull sottomettent:

Mistoqsijiet:

1. Ix-Xogħolijiet fuq it-toroq jridu jsiru waħda waħda, jiġifieri l-ewwel jitlesta x-xogħol fuq triq u mbagħad tinbeda oħra
2. L-ewwel xogħolijiet jridu jinbdew fi Triq Samuel Taylor Coleridge
3. Dwar l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-*asphalt* li kienu EN/DIN, x'tip ta' żrara ser tintuża'
4. Min hu s-*supplier* ta' l-*asphalt*
5. Jekk il-kuntrattur jistax jibda fil-bidu ta' Ġunju li ġej
6. Jekk il-kuntrattur huwiex *TM registered*
7. Jekk humiex disposti li jagħmlu xogħolijiet tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, kif jista' jkun hemm il-pjan li jsiru
8. Kemm jaħseb li jieħu żmien biex jitlesta dan il-proġett

9. X’tip ta’ makkinarju għandhom

Il-Mistoqsijiet minn numru 1 sa 7 ġew mressqa mill-Perit filwaqt, li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela staqsew mistoqsijiet 8 u 9 rispettivament:.

Is-Sinjuri Emanuel Vella u Jesmond Baldacchino għan-nom ta’ *Road Servicing LTD.* daħlu għall-laqgħa fl-10.15 a.m.

Risposti mid-ditta *Road Servicing LTD* mis-Sinjuri Vella u Baldachino kienu

i M’hemmx oġġezzjoni li jimxi ma’ l-istruzzjonijiet tal-Kunsill Lokali

ii Ma jsibx oġġezzjoni mill-liema triq jinbeda x-xogħol

iii Sur Vella qal, li filwaqt li fit-*tender* ma kienx hemm speċifikat li trid tintuża’ ż-żrara ta’ barra madanakollu, l-ispeċifikazzjonijiet tat-*tender* jintlaħqu biż-żrara ta’ Malta u ser tintuża’ ż-żrara ta’ Malta

iv Is-*supplier* ta’ l-*asphalt* hu BITMAC

v Hu dispost li jibda fil-bidu ta’ Ġunju madanakollu, dan jiddependi minn kemm iddum biex joħroġ il-permess mit-T.M.

vi Iva hu *TM registered*

vii Ma jsibux oġġezzjoni li jagħmlu x-xogħlijiet ta’ l-Ilma

viii Dan jiddependi mix-xogħolijiet ta’ l-Ilma, għaliex il-proċess tal-ħasil tal-*mains* u sakemm jinqalbu d-djar mis-sistema l-antika għall-ġdida mill-ħaddiema tal-Korporazzjoni, joħloq dewmien fix-xogħol

ix Huma għandhom kwalunkwe tip ta’ makkinarju u jekk il-Kunsill ikun jixtieq jista’ jivverifika billi rappreżentant izzur l-impjant tiegħu

Wara li l-Kunsill Lokali staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li xtaqu jagħmlu r-rappreżentanti ta’ din id-ditta, rringrazzjahom ta’ l-attendenza tagħhom.

Il-Perit David Bonnici għan-nom ta’ Bonnici Bros daħal għall-laqgħa fil-10.45 a.m.

Ġew mistoqsija l-istess mistoqsijiet ppreżentati lid-ditta l-oħra u r-risposti kienu:

i Dispost li jimxi ma' l-istruzzjonijiet tal-Kunsill

ii Ma jsibx oġġezzjoni minn fejn jinbeda x-xogħol

iii Filwaqt li fit-*tender* m'hemmx speċifikat biex tintuża' iż-żrara ta' barra, madanakollu, skont l-ispeċifikazzjoni tat-*tender* jintlaħaq biż-żrara ta' Malta u ser jintuża' ż-żrara ta' Malta

iv Bonnici Bros għandu l-impjant tiegħu stess ta' l-*asphalt*

v Lest li jibda fil-bidu ta' Ġunju madanakollu, jiddependi mill-ipproċessar tal-permessi mit-TM

vi Iva hu *TM registered*

vii Ma jsibx oġġezzjoni li jaħdmu x-xogħolijiet ta' l-Ilma

viii Id-dewmien fil-proċess jkun dovut minħabba ix-xogħolijiet ta' l-ilma

ix l-kumpanija għandha kull tip ta' makkinarju

La ma kienx hemm aktar materji, x'jiġu diskussi, l-Kunsill irringrazzja lill-Perit Bonnici.

Is-Sur Paul Polidano u l-Perit Stephen Tonna għan-nom tad-ditta Polidano Bros daħlu għall-laqgħa fl-11.00 a.m.:

i Ma għandux oġġezzjoni li jimxi ma' l-istruzzjoni tal-Kunsill

ii Jibda mill-liema triq jiddeċiedi l-Kunsill

iii Filwaqt li biż-żrara ta' Malta jintlaħqu l-*istandards* msemmija fit-*tender*, madanakollu, jekk ikun hemm bżonn juża' ż-żrar ta' barra li hu *anti-skid* u ta' kwalita' aħjar minn ta' Malta.

iv Polidano Bros għandu l-impjant tiegħu stess ta' l-asphalt

v Jilħaq it-targets kollha madanakollu, dan jiddependi mill-permessi

vi Iva hu *TM registered*

vii Ma għandux problema li jaħdem ix-xogħol ta' l-ilma

viii Il-fatt li ser isir ix-xogħol ta' l-ilma jista' jkun il-kawża ta' dewmien

ix Il-kumpanija għadnha kull tip ta' makkinarju

La ma kienx hemm aktar materji, l-Kunsill irringrazzja lis-Sur Paul Polidano u l-Perit Stephen Tonna.

Matul id-diskussjoni li saret ,a bazi tal-mistoqsija tal-Kunsillier Anthony Abela dwar x'differenza tgħaddi bejn iż-żrara ta' Malta, l-Perit wieġeb li dan ikun dovut għall-fatt, li l-barrieri huma differenti u għahekk fejn żrar tal-barriera ma jilħaqx l-speċifikazzjonijiet dan ikollu jħaltu ma' ta' barra. Hu kompla jgħid, li l-*wearing course* ta' barra hu aħjar minn ta' Malta.

A bazi tal-mistoqsija tal-Viċi-Sindku dwar x'jirrakomda l-Peirt, dan wieġeb li

- It-tlieta huma suffiċjenti
- L-iktar wieħed li għandu l-akbar *set up* jista' jlaqħħaq mad-*deadline*

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-opinjoni tiegħu hi li minħabba l-fatt, li l-ispejjeż tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma jistgħu jitilgħu, jrid jittieħed in konsiderazzjoni l-prezz u in vista tal-fatt, li l-qbil hu li kollha jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet, l-għażla tiegħu tmur għar-*Road Servicing LTD*

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qabel mar-raġunijiet u l-għażla msemmija mill-Kunsillier Anthony Abela.

Il-Viċi-Sindku qal, li in vista tal-fatt li hemm xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u dawn minħabba li s-sottomettew l-informazzjoni tard id-dokument kien laħaq ġie ppubblikat, kien tal-fehma li jerġa' jara t-*tenders*. Il_Perit Matthew Bugeja qal, li trid terġa' tara l-prezzijiet sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx x'aġġustamenti, għall-liema kumment is-Segretarju Eżekuttiv rrimarkat li din kellha ssir qabel.

Il-Viċi-Sindku nforma, li kien tkellem informalment mas-Sur Michael Cohen, President ta' l-A.K.L. u dan qallu, li l-Kunsill kien marbut li jagħmel it-trinka biss, liema ftehim kien sar fi żmien li l-Kunsillier Ian Micallef kien president ta' din l-Assoċjazzjoni.

In vista ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet intalbet tiftaħ id-dokumenti li kienu ssiġillati sabiex jiġi mqabbel *item* 10 li kien jitratta xogħolijiet relatati mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

B’eżitu ta’ din il-verifika irrizulta, li mhux ser ikun hemm effett fuq il-prezz u għaldaqstant il-Viċi-Sindku bħal *Chairman* ssuġġerixxa li niktbu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta’ l-Ilma sabiex jiġu nfurmati li l-Kunsill ma jaqbilx li jagħti l-flus lill-Korporazzjoni għas-*civil works* u nistennew ir-risposta tagħhom.

Sur Joe Camilleri
Viċi-Sindku

Sur Anthony Abela
Kunsillier

Dott Malcolm Camilleri B.A. LL.D.
Kunsillier

Perit Matthew Bugeja
Joe Bugeja & Associates

Rowena M. Borg B.A. Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

**MOZZJONI Nru.Klg5/05**

**Lill. Kunsill Lokali Gżira**

**Mill- Kunsillier Ian Micallef**

**Data. 20 ta' Mejju 2010**

**Ħin. 5.11 p.m.**

**Dan il-Kunsill Lokali nnota l-korrispondenza mibgħuta kemm mingħand l-Awdituri tal-Kunsill Lokali kif ukoll, mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Nazzjonali dwar l-*accounts* tal-Kunsill Lokali Gżira magħmula mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali, Antoine Portelli;**

**Innota wkoll, il-proposta magħmula mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri u dik magħmula mmedjatament wara, mill-Kunsillier Ian Micallef.**

**Jirrisolvi, li minkejja li l-*accountant* Antoine Portelli ngħata ċans kemm –il darba (minkejja ż-żmien iffissat fil-liġi u l-*memo's* sa meta għandhom ikunu lesti l-*accounts*), naqas milli jagħmel dan fiż-żmien ta' estenzjoni mogħti lilu u għalhekk, poġġa lill-Kunsill Lokali f'pożizzjoni negattiva li skont il-liġi, jista' jkollha effetti serji;**

**Illi jiġi terminat l-inkarigu ta' Antoine Portelli bħala *accountant* tal-Kunsill Lokali b'mod immedjat u dana a bazi ta' l-ineffiċjenza tiegħu kif ukoll, minħaba l-aġir tiegħu fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri;**

**Tinħareġ sejħa mmedjata għall-istess inkarigu;**

**Jinżamm il-ħlas mitlub u wara l-ingaġġ ta' l-*accountant* l-ġdid, ssir valutazzjoni bir-reqqa dwar il-pagament li għandu jingħata anke wara li jiġi konsultat l-konsulent legali tal-Kunsill.**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondant** | **Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **27.05.2010** | **K5/43** |